MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 31/2002/1

**Michael Cutajar**

**vs**

**Roberta Muscat**

Dan huwa rikors prezentat minn Michael Cutajar fejn qed jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet inversi deciza fil-11 ta' Marzu 2002. Dan peress li l-istess rikorrent ipproceda kontestwalment b'talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza originali.

Din il-procedura qeghda ssir fit-termini ta' l-Artikolu 823 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi dan fis-subinciz (2) tieghu:-

"*…… il-Qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista' ad istanza b'rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-parti li*

*taghmel dik it-talba tordna t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza jekk:-*

*(a) flimkien mat-talba taghha dik il-parti taghti garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tigix imhassra, maghduda dik il-garanzija kif imsemmija fis-subartikolu (10) ta' l-Artikolu 266; u*

(b) *jigi muri ghas-sodisfazzjoni tal-qorti illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja.*"

Kwantu ghar-rekwizit tal-garanzija l-intimata halliet f'idejn dina l-Qorti biex tara jekk dan giex sodisfatt mir-rikorrent.

Is-subinciz (3) ghall-Artikolu precitat jipprovdi illi "*il-garanzija msemmija f'paragrafu (1) tas-sub-artikolu (2) ta' dan l-artikolu, meta tinghata, ghandha fil-kazijiet kollha tahdem bhala twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza li tordna l-arrest jew prigunerija tad-debitur*."

Fl-interpretazzjoni moghtija lil dan is-subinciz (3) mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "**Albert Rizzo –vs- Agnes mart Paul Bezzina et**", 10 ta' Jannar 1995 inghad li l-garanzija "*mhijiex komponenti 'sine qua non' ta' l-azzjoni stabbilita minn dan l-Artikolu ghaliex kieku kienet, is-subinciz ma kienx juza l-frazi "meta tinghata". Difatti s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza li timplika arrest jew prigunerija tad-debitur ghandha dejjem tinghata mill-Qorti jekk ic-citazzjoni (illum ir-rikors fit-tieni grad) tkun akkumpanjata mill-garanzija*." Ara wkoll "**Giuseppina Bugeja et –vs- Isidoro Agius**", Appell Civili, 17 ta' Marzu 1993.

Ciononostante, gjaladarba din il-Qorti ser tilqa' t-talba tar-rikorrent ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, jinhass xieraq li tordna lir-rikorrent jipprovdi garanzija, konsiderati d-drittijiet tal-intimata gja akkwiziti bis-sentenza ritrattata u l-fatt li talba konsimili ghas-sospensjoni hi deroga ghar-regola stabbilita fis-subinciz (1) ghall-Artikolu 823 li tafferma li "*it-talba ghar-*

*ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata*."

Naturalment il-qorti ser ikollha tuza l-arbitriju billi l-valutazzjoni tad-drittijiet ghall-finijiet tal-fissazzjoni tal-garanzija hi difficli gjaladarba ma tezisti l-ebda norma indikatrici espressament fil-ligi.

Kwantu ghat-tieni rekwizit u cioe' dak tal-aqwa jew l-anqas pregudizzju fil-bilancja bejn il-kontendenti l-intimata illimitat ruhha, kif kien mistenni, ghal certi drittijiet soggettivi u personali li jikkoncernaw il-personalita' taghha. Fl-essenza r-riflessjoni li taghmel biex thares u tindokra lilha nnifisha, membri tal-familja u hwejjigha minn kull vjolazzjoni u atti lesivi tad-drittijiet mhux nieqes minn konsiderazzjoni serja. Anzi minn dan il-punto di vista, mehud rigward taz-zmenijiet u tal-komportament uman, il-veduta taghha timmerita attenzjoni immedjata.

B'danakollu fl-evalwazzjoni tal-pregudizzju relattiv tal-partijiet il-"praxis" donnha hi li fejn is-sospensjoni tkun ta' zgumbrament, sakemm ma jirrikorrux ragunijiet verament specjali, jidher li "prima facie" il-pregudizzju ta' min se jkun sejjer jigi zgumbrat huwa aktar minn ta' dak ta' min ser jiehu hwejjgu lura ("**Rizzo –vs- Bezzina**", Appell, 10 ta' Jannar 1995 fuq citata).

F'dan l-istess kuntest il-Qrati esprimew il-veduta wkoll illi "*jekk ma tintlaqax it-talba ghas-sospensjoni l-ezekuzzjoni ta' issa tas-sentenza gja ottenuta timplika zewg zgumbramenti, f'kaz ta' ezitu favorevoli tar-ritrattazzjoni. Din il-possibilita' ghandha tigi evitata. Dan dejjem sakemm il-pregudizzju tal-intimata bin-nuqqas ta' tehid immedjat ta' hwejjigha ma jkunx tant gravi li anke diffikolta' simili trid tigi skartata.*" - "**George Pavia –vs- Joseph Micallef**", Appell Civili, 4 ta' Mejju 1992.

Il-Qorti naturalment fid-decizjoni taghha li tilqa' t-talba tar-rikorrent qed tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-kawza tar-ritrattazzjoni ser tigi ittrattata dalwaqt u ghalhekk f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-intimata s-sospensjoni mhiex ser timpjega tul ta' zmien.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa’ t-talba tar-rikorrent u qed tissospendi l-ezekuzzjoni tas-sentenza taghha tal-11 ta’ Marzu 2002 fil-kawza fl-ismijiet inversi u dan sakemm tigi deciza l-kawza ta’ ritrattazzjoni. B’dan illi zmien gimgha mil-lum ir-rikorrent ghandu jiddepozita fir-Registru ta’ din il-Qorti l-ammont ta’ mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) in linea ta’ garanzija ai termini ta’ l-Artikolu 823 (2a) tal-Kap 12. Prova ta’ dan id-depozitu b’kopji tar-ricevuta relattiva ghandhom jiddahhlu b’nota fl-atti ta’ din il-kawza kif ukoll f’dik tar-ritrattazzjoni.

Dep/Reg
cb